# Minuti

## Seduta Nru. 16/2011

Data: Il-Ġimgħa, 21 t'Ottubru 2011

Ħin: 4:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri - *Membru*
Mario Xuereb - *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Michael Fenech Adami, *Sindku, KL Birkirkara*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

- ❖ Is-Sur John Mary Zahra (Jimmy) kien skużat;
- ❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida.

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Laqgħa Annwali Pubblika;
6. Devoluzzjoni ta' Garaxx;
7. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat;
8. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
9. Għeluq

## Kontenut

Annex A Minuti 16/2011

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

# Minuti 16/2011

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-4:50pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 15/2011 li saret nhar it-22 ta' Settembru 2011 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet fil-Minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.4 –** Iċ-*Chairperson* qalet li l-*press conference* ma saritx minħabba li f'Novembru ser jinbiddlu r-rotot tal-Arriva u l-Kumitat irid jara jekk mhux ser ikun hemm kambjament pożittiv għaż-Żona tas-Swatar. Rigward is-siti perikolużi, il-Kumitat bagħat lil MEPA biex jibgħatu d-dettalji tas-sidien ta' dawn is-siti.

Siti Perikolużi.

**3.2** **Fuq punt 3.10 –** Il-Kumitat iddeċieda li tintbagħat email lit-TM sabiex il-Kumitat istaqsi jekk hux ser ikun hemm rotta simili bħalma kienet il-169 li kienet tidħol għal Belt Valletta.

Rotot tal-Arriva fis-Swatar

**3.3** **Fuq punt 3.11 –** Iċ-*Chairperson* qalet li flimkien ma' membri tal-Kumitat li huma is-Sinjura Yvonne Spiteri u s-Sur Jimmy Zahra marru jiltaqgħu mar-resident tat-Triq Indri Grima sabiex jinġabru l-firem. Inġabru 4 firem biss fejn ir-residenti iffirmaw li ma jridux l-*isleeping policeman*. Min irid li l-*isleeping policeman* tibqa', ma riedx jiffirma.

*Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima

3.3.1 Is-Sur Mario Xuereb irrimarka li jekk titneħħa, hemm riskju li jkun hemm inċident fit-triq u l-Kumitat jispiċċa kaġun ta' dak l-inċident.

3.3.2 Il-Kumitat iddeċieda li jitlob parir tal-Avukat tal-Kunsill Lokali Birkirkara rigward din il-materja.

## 4. Korrispondenza

**4.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kumitat il-pjanti mibgħuta mil-Perit tal-Kunsill Lokali L-Imsida sabiex isiru *parking bases* fi Triq Sant' Andrija.

*Parking bases* fi Triq Sant' Andrija

4.1.1 Il-Kumitat qabel unanimament ma' dawn il-pjanti sottomessi u sabiex il-Perit jibgħathom lit-TM għal permessi meħtieġa.

**4.2** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq email għall-approvazzjoni tal-Kumitat rigward ir-riposta tal-kumpanija JGC Ltd. fuq l-offerta tal-manutenzjoni tal-playing Field fi Triq Balliju ta' Guttenberg. JGC Ltd. offriet €1,500 roħs fuq il-prezz globali tal-offerta tat-Tender cioe' minn €31,129 issa niżel għall-€29,629.

Aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti. *'Supply and Installation of Artificial Turf at Triq Il-Balliju ta' Guttenberg, Playing Area, Msida;'*

4.2.1 Il-Kumitat aċċetta unanimament id-*discount* offrut fejn issa d-deċiżjoni tal-Kumitat fuq is-sejħa għall-offerti għandha titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Imsida.

**4.3** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq talba ta' resident li joqgħod fi Triq iż-Żernieq fejn irid li jkun hemm skip mill-ħodor għax mhux qed ikollom fejn jarmu.

Ilment minn resident li joqgħod fi Triq iż-Żernieq.

4.3.1 Il-Kumitat iddeċieda li sabiex isir l-iskip, ir-resident għandu jiġbor petizzjoni mir-resident li joqgħodu fit-Triq.

## 5. Laqgħa Annwali Pubblika

**5.1** Il-Kumitat iddiskuta r-Rapport Annwali Amministrattiv 2010/2011 u qabel li dan ir-rapport għandu jinqara waqt il-Laqgħa Annwali Pubblika.

Laqgħa Annwali Pubblika

## 6. Devoluzzjoni ta' Garaxx

**6.1** Iċ-*Chairperson* qalet li wara li l-Kumitat iltaqa' mal-Kunsill Lokali Birkirkara nhar it-13 t'Ottubru 2011, il-Kumitat kellu jiddeċiedi rigward id-devoluzzjoni tal-garaxx. Hi qalet li garaxx bħal dak, fejn huwa ċentrali għar-residenti tas-Swatar, jekk il-Kumitat ma jieħdux issa, jista' jitlef din l-opportunita'.

Devoluzzjoni ta' Garaxx

**6.1.1** Is-Sur Mario Xuereb irrimarka li f'dan l-istadju l-Kumitat għandu jwettaq proġetti tanġibbli fl-interess tal-komunita' u għalissa mhux il-waqt li jintefqu flus fuq il-garaxx.

**6.1.2** Is-Sur Rudolph Cini qal li l-Kumitat kollu kien entużjast li jakwista dan il-garaxx iżda irriżulta li mhux vijabbli.

**6.1.3** Il-Kumitat iddeċieda li wara implikazzjonijiet finanzjarji li kien ser joħloq dan il-proġett, f'dan l-istadju, din id-devoluzzjoni għandha tiġi sospiża biex tingħata mportanza fuq proġetti li jtejbu l-kwalita' tal-ħajja tar-residenti fis-Swatar.

## 7. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat

**7.1** Is-Sur Rudolph Cini ressaq dawn l-ilmenti mir-residenti ta' Triq Indri Grima kif ġej:

1) Id-dwal tat-toroq jinxtegħlu kmieni u jintfew tard.
2) Hemm garaxx li qed jintuża biex jissewwew il-karozzi.

**7.2** Is-Sur Mario Xuereb ressaq ilment li fi Triq Ġużeppi Xuereb hemm wire tad-dawl mikxuf.

## 8. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**8.1** Ma kienx hemm ebda komunikazzjoni miċ-*Chairperson* għax kien sar il-ħin għall-laqgħa pubblika.

## 9. Għeluq

**9.1** Il-laqgħa spiċċat fis-6:30pm. Il-Kumitat unanimaent qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Novembru 2011, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

___________________ ___________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

___________________

Data

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| **3.2** | **Fuq punt 3.10 –** Rotot tal-Arriva fis-Swatar | **Fuq punt 3.10 –** Il-Kumitat iddeċieda li tintbagħat email lit-TM sabiex il-Kumitat istaqsi jekk hux ser ikun hemm rotta simili bħalma kienet il-169 li kienet tidħol għal Belt Valletta. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.3** | **Fuq punt 3.11** Sleeping Policeman fi Triq Indri Grima | Parir mill-Avukat tal-Kunsill Lokali Birkirkara | Kumitat, KAS |
| | Toroq bla isem | Dan l-item għad irid jiġi diskuss. | Kumitat |